VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,009, 28 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 481 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Diplomatic Studies taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 84 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal dawk l-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri mill-Università ta' Malta jew grad rikonoxxut mis-Senat bħala ekwivalenti f'wieħed minn dawn l-oqsma: ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, il-Liġi, l-Istorja, l-Ekonomija, Ix-Xjenza Politika, l-Istudji Ewropej u d-Diplomazija.

(2) L-applikanti li l-lingwa materna tagħhom mhux l-Ingliż għandu jkollhom ċertifikat ta' profiċjenza fl-Ingliż fil-livell meħtieġ mill-Università.